*MINUTI*

*KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ*

*IL-HAMES LEĠISLATURA*

*LAQGĦA NUMRU ERBGĦIN*

*20 ta' Novembru, 2007*

*Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.05 ta' filgħaxija.*

*PREŻENTI*

*Is-Sindku Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Silvio Izzi Savona, l-Kunsillier Joseph D'Amato, l-Kunsillier Mario Ellul u l-Kunsillier Raymond Grixti.*

*UFFIĊJAL PREŻENTI*

*Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.*

*SKUŻATI*

*Il-Kunsillier Claudio Zammit u l-Kunsillier Melvyn Mangion.*

*MINUTI*

*Il-Sindku Ignatius Farrugia ppresjeda.*

***40.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

*40.1.1 Il-Viċi Sindku Silvio Izzi Savona ressaq din il-mozzjoni:*

*40.1.2 "Il-Kunsill japprova l-Minuti ta' Laqgħa Numru 39 kif imressqa."*

*40.1.3 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Raymond Grixti u approvata unanimament.*

*40.1.4 Dwar minuta 39.1.16, il-Kunsill kien infurmat li l-laqgħa mas-Sur Andre Borg ma saritx iżda hi ppjanta li sseħħ fi żmien*

*qasir, kif ukoll li ma kienetx riċevuta l-informazzjoni mitluba lill-Young Multipiers Group.*

*40.1.5* *Dwar minuta 39.1.17, il-Kunsill kien infurmat li se issir laqgħa dwar il-marda tas-siġar tal-palm mill-Contracts Manager fiż-Żurrieq.*

*40.1.6* *Dwar minuta 39.6.3, wara li l-Kunsill innota li r-resident ma neħħix il-bankina, qabel li s-Sindku jkellmu personalment u jekk ma jsir l-ebda progress jibdew il-proċeduri bil-Pulizija.*

## *40.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku*

*40.2.1* *Il-Membri nnotaw ir-rapport dwar il-korrispondenza kollha riċevuta u mibgħuta sal-5 ta' Novembru, 2007, li kopja tiegħu hi anessa ma' dawn il-Minuti bħala dokumenti 'A' u 'B'.*

*40.2.2* *Il-Kunsilliera kienu nfurmati mis-Sindku sabiex jgħaddu l-kitba tagħhom għal Kunsill News sal-għada tal-laqgħa.*

*40.2.3* *Il-Kunsill approva li informazzjoni relatata ma' applikazzjonijiet tal-MEPA bejn is-sena 1993 u s-sena 2000 jitneħħew mill-arkivji tal-Kunsill, peress li tali nformazzjoni tista tinkiseb mis-sit elettroniku tal-MEPA.*

*40.2.4* *Il-Kunsill kien mgħarraf b'ittra mis-Sindku ta' Angermunde li l-aħjar żmien għal ġemellaġġ ikun bejn il-25 u s-27 ta' Jannar, 2008, liema data kien hemm il-qbil tagħha mill-Kunsill u kien approvat li d-delegazzjoni tkun magħmula mill-Kunsillier Mario Ellul u s-Segretarju Eżekuttiv flimkien ma' Kunsillier ieħor li jkun jista jattendi, fejn il-Kunsillier Raymond Grixti wera interess li jattendi iżda ried jikkonferma fil-jiem li ġejjin.*

*40.2.5* *Il-Kunsill qabel li wara li ssir verifika mad-Dipartiment tal-Artijiet dwar id-devoluzzjoni tal-ġnien madwar il-Mitħna tax-Xarolla, jekk ma jirriżultax li sar progress li jwassal għal kuntratt fi żmien qasir jieħu l-azzjonijiet kollha li jidhirlu xierqa.*

*40.2.6* *Il-Kunsill kien infurmat li ma kien hemm l-ebda kandidat għal applikazzjoni nterna fost il-Kunsilli Lokali għal part time clerk, u għalhekk qabel li jkompli bil-proċess mal-Korporazzjoni tal-Impjieg u t-Taħriġ.*

*40.2.7* *Il-Kunsill approva li tingħata donazzjoni ta' Lm 50 lill-Iskola Margeret Mortimer sabiex isir kalendarju u li se jkun jinkludi ritratti dwar iż-Żurrieq.*

*40.3* ***Programm ta' Attivitajiet għal festi tal-Milied***

*40.3.1* *Wara diskussjoni, l-Kunsill approva li jsiru dawn l-attivitajiet għal żmien il-Milied:*

*40.3.2* *Tiżjin ta' Triq P.P. Saydon, liema xogħol isir mill-kuntrattur Victor Tedesco;*

*40.3.3* *Ħarġa għat-tfal f'ċinema, għal liema attivita l-Kunsill se jagħmel tajjeb għall-ispiża tat-trasport, u għat-tfal li huma taħt il-kura tas-Sorijiet ta' Santa Tereza kif ukoll t-tfal tal-impjegati tal-Kunsill ;*

*40.3.4* *Żjarat lill-anzjani li għandhom 'il fuq minn tmenin sena, fejn il-Kunsll se jagħti rigal li jkun jiswa madwar lira għal kull persuna;*

*40.3.5* *Sussidju għal bibita li ssir fiċ-Ċentru ta' Kull Jum tal-Anzjani; u*

*40.3.6* *Qagħaq tal-għasel għat-tfal li jagħmlu l-purċissjoni tal-Milied.*

*40.3.7* *Il-Kunsill innota wkoll li minħabba l-ispiża finanzjarja sabiex issir l-attivita biex jinġabar ikel u ġugarelli għat-tfal ma kinitix qed tagħti s-sodisfazzjoni mixtieq, u minħabba l-ispiża nvoluta sabiex tinkera t-tinda, qabel li din l-attivita ma ssirx.*

***40.4*** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Xogħlijiet taħt l-Urban Improvement Fund***

*40.4.1* *Il-Kunsill kien ippreżentat b'kopja ta' minuti ta' laqgħa li saret mar-residenti ta' Triq Bubaqra, li kopja tagħhom hi anessa bħala dokument 'C' ma' dawn il-minuti.*

*40.4.2* *Billi kienet qed tiġi mistennija risposta mingħand il-MEPA dwar dan is-suġġett, il-Kunsill qabel li jsegwi l-progress tagħha u jieħu deċiżjoni f'seduta oħra.*

*40.4.3* *Il-Kunsill qabel ukoll illi x-xogħlijiet relatati mal-bakina fuq ix-xellug tat-triq, ossija fejn ma hemm l-ebda kontestazzjoni mir-residenti, jista jinbeda x-xogħol fuqha sabiex ma jintilfux il-fondi akkwistati taħt dan il-fond.*

*40.4.4* *Il-Kunsill kien infurmat bil-progress li sar sabiex isiru x-xogħlijiet relatati mat-tisbiħ tal-play area li tinsab fi Triq Carmelo Caruana, fejn kienu approvati kwotazzjonijiet għal provista ta' bankijiet u dust bins kif ukoll xogħlijiet oħra relatati ma' turġien u ranep ta' aċċess u għoti ta' wiċċ*

*dekorattiv liż-żona tal-playarea, liema xogħlijiet ser jingħataw lill-istess kuntrattur li ġiet aġġudikata l-offerta għall-iżvilupp ta' dan is-sit.*

40.4.5 *Kien ukoll approvat li jsiru xogħlijet fl-istess żona għal żbir ta' siġar kif ukoll installazzjoni ta' dwal.*

40.4.6 *Il-Kunsill kien ser jinżamm aġġornat bl-ispiża relatata ma' dan il-proġett, li għalkemm hu stmat li jaqbeż l-ammont moghti mill-MEPA, qabel li dawn se jagħmlu tajjeb għalih il-fondi li ser jingħataw għal proġett li diġa twettaq mill-Kunsill fi Triq PP Saydon u li tiegħu diġa saru x-xogħlijiet.*

40.4.7 *Dan għalhekk ifisser li l-Kunsill bl-ebda mod ma hu ser joħroġ xi fondi minn tiegħu u li mhux ippjanati għan-nefqa fl-Estimi Annwali.*

### 40.5 *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Xogħlijiet ta' wiċċ ġdid bit-tarmakk*

40.5.1 *Il-Kunsill kien infurmat li l-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma kienet ikkonfermat li ser tagħmel il-wiċċ sħiħ ta' Triq il-Warda, Triq is-Sindku, Triq San Gwann, Triq iċ-Ċombini u Triq San Nikola, liema xogħlijiet kienu waslu biex jingħata l-wiċċ ġdid, u li se jwassal biex il-Kunsill se jiffranka eluf ta' kbar liri.*

40.5.2 *Il-Kunsill kien ukoll infurmat li sar qbil, bejn dawk kollha kkonċernati, li l-għoli tat-tappieri tas-servizzi tat-toroq kif ukoll parti mix-xogħlijiet ta' tarmakk li jgħaqqdu pjazzeta bejn żewġ toroq iridu jsiru mill-Kunsill.*

40.5.3 *Kien hemm qbil mill-Kunsill dwar dan u li x-xogħlijiet jiġu assenjati lis-Sur Raymond Calleja sabiex isir ix-xogħlijiet ta' livellar ta' tappieri u lil General Servicing Limited għax-xogħlijiet tat-tarmakk.*

40.5.4 *Skond l-istima mħejjija mill-Contract Manager tal-Kunsill, dawn ix-xogħlijiet se jiswew madwar Lm 3,800.*

40.5.5 *Il-Kunsill kien infurmat li fir-rigward tax-xogħlijiet l-oħra taħt ir-responsablita tiegħu, kienu qed isiru l-preparamenti neċessarji sabiex ikun jista jinbdew ix-xogħlijiet fi Triq il-Qrendi u li ser issir analiżi dwar il-possibilita li bil-fondi disponibbli jsiru wkoll Triq it-Torri u Triq in-Nigret.*

40.5.6 *Il-Kunsill kien infurmat ukoll li saru taħdidiet preliminari sabiex kuntrattur ieħor li għandu eluf ta' liri f'kontravenzjonijiet dovuti lil Kunsill, jagħmel xogħlijiet ta' tarmakk li jkunu ffukati l-iktar fuq extensive patching ta' toroq.*

40.5.7 *Il-Kunsill kien ukoll infurmat li l-kuntrattur responsabbli minn dawn ix-xogħlijiet kien għamel talba għal żieda fil-prezz tal-għoti tat-tarmakk peress li kien hemm żieda internazzjonali fil-prezzijiet tal-materjal prima li jinxtara minn barra l-pajjiż.*

40.5.8 *Kien hemm qbil fil-prinċipju li l-Kunsill jaċċetta dawn ir-rati sakemm ikun hemm l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.*

***40.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Rapport Amministrattiv 2007***

40.6.1 *Il-Kunsill kien ipprezentat bir-Rapport Amministrattiv Annwali li jkopri s-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Marzu, 2007, u li kopja tieghu hi anessa bhala dokument 'D'.*

40.6.2 *Il-Kunsillier Raymond Grixti ressaq din il-mozzjoni:*

40.6.3 *"Il-Kunsill japprova r-Rapport Amminsitrattiv 2007 kif imressaq. "*

40.6.4 *Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Joseph D'Amato u approvata unanimament.*

***40.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Sejhiet ta' Offerti ghal Gbir ta' Skart Goff u Manutenzjoni ta' Bankini, Hitan ta' Lqugh u Kanali ghall-ilma tax-xita***

40.7.1 *Il-Kunsill kien infurmat li wara li ma kienx possibli li l-offerti jinfethu fil-gurnata tal-eghluq, dawn gew miftuha fil-gurnata tal-laqgha mis-Segretarju Ezekuttiv fil-prezenza tas-Sindku u l-Kunsillier Raymond Grixti.*

40.7.2 *Fir-rigward tal-offerta tal-Gbir tal-Iskart Goff, il-Kunsill kien mgharraf li kienu ricevuti zewg offerti, u r-rati applikabbli u l-isem tal-offerenti jidhru fid-dokument aness bir-referenza "E ".*

40.7.3 *Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:*

40.7.4 *"l-Kunsill jaggudika l-offerta ghal gbir ta' skart goff lis-Sur Alexander Fenech peress li hi l-irhas offerta."*

*40.7.5 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Vici Sindku u approvata unanimament.*

*40.7.6 Fir-rigward tal-offerta relatata mal-manutenzjoni fil-lokalita, l-Kunsill kien infurmat li kienu ricevuti zewg offerti, u li r-rati applikabbli u l-isem tal-offerenti jidhru fid-dokument aness bir-referenza "F'.*

*40.7.7 Il-Kunsill filwaqt li kkunsidra li z-zewg applikanti huma zewg kuntratturi li precedentament kellhom xoghlijiet mal-Kunsill li ma kienux ta' sodisfazzjon ghal Kunsill, u billi dan hu kuntratt ibbazat fuq rati, kien hemm qbil unanimu li l-Contracts Manager jigi mitlub ihejji rapport tekniku u li jkun jinkludi rakkomandazzjoni fuq din l-offerta.*

*40.7.8 Kien hemm ukoll ftehim li l-Kunsill jikseb bil-miktub l-interess tal-kuntrattur General Roads Services Limited fir-rispett tal-interess tieghu li jaghmel il-progett tal-bankini fi Triq Bubaqra billi dan kien gie diskuss mieghu, u fl-eventwalita li dan jikkonferma li mhux interess dawn ix-xoghlijiet ikunu jistghu jinghataw lil kuntrattur li lilu tigi aggudikata l-offerta relatata.*

***40.8 Mistoqsijiet lis-Sindku mill-Kunsillieri***

*40.8.1 Il-Kunsiller Mario Ellul hames mistoqsijiet lis-Sindku, li kopja taghhom hi anessa ma' dawn il-minuti bhala dokument "G'.*

*40.8.2 Kien hemm qbil li r-risposta ghal dawn il-mistoqsijiet tinghata f'seduta ohra tal-Kunsill.*

*40.8.3 Is-Sindku kien skuzat mil-laqgha, (7.55pm)*

*40.8.4 Il-Vici Sindku ppresedja.*

***40.9 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjoni: Xoghlijiet, Servizzi u Attivitajiet***

*40.9.1 Il-Kunsill ma qabilx ma proposta maghmula minn TCTC biex isiru korsijiet ghar-residenti dwar l-internet.*

*40.9.2 Il-Kunsill approva li ssir sleeping policeman fi Triq San Bartilmew.*

*40.9.3 Il-Kunsill wara li kkunsidra ezercizzju li sar dwar il-hlasijiet tal-kommunikazzjoni bit-telefon, fejn kien jidher li l-Kunsill jista jiffranka sa Lm 1000, qabel li jaqleb dawn is-servizzi mal-kumpanija Sky Telecom.*

40.9.4 *Il-Kunsill wara li rcieva kwotazzjonijiet sabiex il-magazin tieghu jibda jigi stampat fuq karta riciklata, kien hemm qbil unanimu tigi approvat l-kwotazzoni ta' Union Print ghal prezz ta' Lm 336, peress li kienet l-irhas u l-iktar wahda vantaggjuza.*

40.9.5 *Il-Kunsill qabel li jinxtaw erba bollards ohra minghand ???????????, sabiex isiru quddiem pedestrian crossing fi Pjazza Mattia Preti ghal prezz ta' Lm ????.*

40.9.6 *Il-Kunsill approva x-xiri ta' erba pjanti li jiswew madwar Lm 200 sabiex jigu mibdula ohrajn fi Triq PP Saydon u fl-inhawi tal-Knisja tas-Sorijiet ta' Santa Tereza.*

40.9.7 *Il-Kunsill wara li ra proposta dwar ilqugh tal-ilma tax-xita, filwaqt li nnotta l-isforz li sar, jara li din ser tigi solvuta jekk il-Gvern Centrali jaghmel culvert.*

40.9.8 *Il-Kunsill qabel li tinfetah korrispondenza mal-korporazzjoni Enemalta sabiex isir dwal tat-triq fil-pjazza ta' Hal Millieri.*

40.9.9 *Il-Kunsill kien infurmat li ghalkemm kienet saret laqgha ma ufficjal mill-Awtorita Maltija dwar it-Trasport, ma kienx gie kkonfermat il-bdil fid-direzzjoni tat-traffiku ta' Triq ic-Combini u Triq San Nikola.*

40.9.10 *Il-Kunsill approva li ssir mera tat-traffiku fi Triq Bronja kantuniera ma' Triq Sant'Andrija kif ukoll issir verifika jekk hux possibli li l-isleeping policeman ezistenti tigi mressqa aktar lejn ir-roundabout.*

40.9.11 *Il-Kunsill ikkunsidra talba ta' culvert fi Triq il-Haddiema izda ra li ma kienx possibli li jitwettaq.*

40.9.12 *Il-Kunsill kien mgharraf li l-istudenta minn Angermunde kienet wasslet biex tlesti z-zmien tal-progett fiz-Zurrieq li kien deskritt bhala success, u li tezisti l-possiblita li jintbaghat student iehor fil-bidu tas-sena d-diehla kif ukoll li jitla student miz-Zurrieq f'Angermunde.*

40.9.13 *Il-Kunsill kien ukoll mgharraf li tezisti l-possibilita li jsir progett iehor bl-involviment taz-Zurrieq, Angermunde u lokalita mill-Isvezja.*

40.9.14 *Il-Kunsill qabel li jibghat l-ogezzjoni tieghu ghal applikazzjoni li hemm quddiem il-MEPA bin-numru PC84/07.*

40.9.15 *Il-Kunsill kien ipprezentant ir-rapport tal-ilment mhux solvuti sal-20 ta' Novmebru, li jinsab aness bhala dokument "H".*

*40.9.16 Dwar ilment numru 978/07, il-Kunsill qabel li jaghmel talba quddiem il-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq sabiex isehh il-bidla.*

*40.9.17 Dwar ilment numru 1025/07, il-Kunsill kien infurmat li l-hofor kienu gew mimlija bir-ramel u ghalhekk kellha ssir verfika jekk l-ucuh tal-hadid tqedux f'posthom.*

*40.9.18 Dwar ilment numru 1069/07. il-Kunsill qabel li jitnehha r-ramel u jinqata l-haxix f'parti minn Triq it-Tin, izda li ma ssirx il-bankina mitluba.*

## *40.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Pagamenti*

*40.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti (anessi bħala dokument 'I' u 'J'), l-Kont tal-Petty Cash ghax-xahar ta' Ottubru 2007 (aness bhala dokument 'K'), talbiet ghal hlas ghas-servizzi minghad is-Sur George Sammut (anness bhala dokument 'L'), hlas ta' overtime ghax-xahar ta' Ottubru (aness dokument 'M'), hals lura gha-servizz moghti fit-Tribunal (aness dokumenti 'N' u 'O') u tabliet ta' hlas lura ghall-ispejjez maghmula f'isem il-Kunsill minghand il-Kunsillier Mario Ellul, Raymond Grixti, Joseph Damato is-Segretarju Ezekuttiv u l-impjegat tal-IPSL Martin Falzon (anessi bhala dokumenti minn 'P' sa 'S').*

*40.10.2 Il-Kunsill ikkunsidra li Youth Generation Co-op ma kienux taw ir-rapport mitlub u allura l-hlas taghom ma ghandux jigi nkluz, ma kienx hemm informazzjoni bizejjed fit-talbiet ta' hlas tal-Avukat Toni Abela u Kunsill Lokali Mqabba.*

*40.10.3 Il-Kunsill qabel ukoll illi sabiex l-impjegat tal-IPSL ikun jista jinghata l-ammont xieraq lura ghal kull meta juza l-vettura personali tieghu fuq xoghol tal-Kunsill, isir registru li fuqu jkun indikat il-post fejn mar, ghalxiex u min awtorizza li jsir dan.*

*40.10.4 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ressaq din il-mozzjoni:*

*40.10.5 "B'riżultat tad-diskussjoni li saret il-Kunsill japprova l-iskedi ta' pagamenti għat-total ta' Lm 16553.12c, ghajr ghal pagament tal-Youth Generation Co-op, l-Avukat Toni Abela u Kunsill Lokali Mqabba, r-rimbors fil-kont tal-Petty Cash ghall-ammont ta' Lm 60.51c, t-talba tal-hlas lura tas-Sur Goerge Sammut ta' Lm 108.00c, hlas ta' overtime ghall-ammont ta' Lm 49.32c, hlas lura ghal servizzi lit-Tribunal ta' Lm 37.50c u t-talbiet ta' hlas lura ghall-spejjez maghmula f'isem il-Kunsill minghand il-Kunsillier Raymond Grixti ta' Lm ????c, l-Kunsillier Mario Ellul ta' Lm ????, l-Kunsillier Joseph D'Amato ta' Lm ???? u s-Segretarju Ezekuttiv ta' Lm*

*1.40c u minghand l-impjegat tal-IPSL Martin Falzon ghall-ammont ta' Lm 20.00c."*

*39.7.1 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Raymond Grixti u approvata unanimament.*

*39.7.2 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-9.15 ta' filgħaxija.*

*Konfermati, illum __ ta' Dicembru, 2007*

| | |
|---|---|
| *Ignatius Farrugia* | *Adrian Mifsud* |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |